MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 76/2005

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Thallas is-somma ta' mitejn wiehed u sittin lira Maltin u sittin centezmu (Lm261.60) jew somma verjuri li tigi likwidata minn dan l-Onorabbli Tribunal rapprezentanti danni kkawzati fil-vettura proprjeta' tal-attur meta fit-22 ta' Lulju 2005 fil-limiti ta' Ta' Qali, il-konvenut li kien qed isuq il-vettura tal-marka Isuzu ELF bin-numru tar-registrazzjoni HAS 972, habat fil-vettura tal-marka skonda bin-numru ta'n registrazzjoni BBG 673 proprejta' tal-attur u kkawzalu hsarat, u dan prevja dijarazzjoni li din il-kullizjoni grat unikament minhabba negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali intavolata kontestwalment u tal-ittra legali interpellatorja , u bl-imghax legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni."

Ra l-kapitoli ipprezentati mill-attur fis-seduta tas-7 t'Ottubru 2005.

Ikkunsidra:

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta msemmija li fiha gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas ghal dik tallum, minghajr ma gieb ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu fis-seduta tallum;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM261.60c ammont dovut bhala danni naxxenti minn incidenti stradali indikat fl-avviz tat-talba bl-ispejjez a kariku tal-konvenut inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ntavolata kontestwalment mal-avviz tat-talba u bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------